Minuti tal-laqgħa numru disgħa u għoxrin tas-sitt Kunsill Lokali Fgura li nżammet illum l-Erbgħa 7 ta' Lulju 2010 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Fgura. Il-laqgħa bdiet fis-6.35pm.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| **Sindku:** | Chev. D. Marmara` KLJ |
| **Viċi Sindku** | Is-Sur A.Degiovanni |
| **Kunsillieri:** | Is-Sur S Camilleri |
| | Is-Sur B Camilleri |
| | Is-Sinjura R. Cutajar |
| | Is-Sur A Debono |
| | Is-Sur M Lombardo |
| | Is-Sur P.Dalli |
| | Is-Sur C Bonello |
| **Segretarju:** | Is-Sur A Grima |

Is-Sindku qal it-talba fil-bidu tal-laqgħa.

1.0 <u>Approvazzjoni ta' Minuti</u>

1.01 **Minuti tal-Laqgħa 12 ta' Mejju 2010** – Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-minuti kif ippreżentati tal-laqgħa msemmija. Il-minuti kienu approvati nem con.

1.02 **Minuti tal-Laqgħa 25 ta' Mejju 2010** – Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-minuti kif ippreżentati tal-laqgħa msemmija. Wara li saret diskussjoni, ittieħed vot.

Favur – Sindku, Viċi Sindku, Sur C Bonello, Sur A Debono, Sur M Lombardo, Sur P Dalli.
Kontra – Ħadd
Astenzjonijiet – Sur B Camilleri, Sinjura R Cutajar, Sur S Camilleri.

Is-Sindku talab sabiex jitniżżlu l-ismijiet.

Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill li nżammet fil-25 ta' Mejju 2010 kienu approvati b'sitt voti favur, l-ebda vot kontra u tliet astenzjonijiet.

1.03 **Minuti tal-laqgħa 28 ta' Mejju 2010** – Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-minuti kif ippreżentati tal-laqgħa msemmija. Wara li saret diskussjoni, ittieħed vot.

Favur – Sindku, Viċi Sindku, Sur C Bonello, Sur A Debono, Sur M Lombardo, Sur P Dalli.
Kontra – Ħadd
Astenzjonijiet – Sur B Camilleri, Sinjura R Cutajar, Sur S Camilleri.

Is-Sindku talab sabiex jitniżżlu l-ismijiet.

Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill li nżammet fil-28 ta' Mejju 2010 kienu approvati b'sitt voti favur, l-ebda vot kontra u tliet astenzjonijiet.

1.04 **Minuti tal-laqgħa 31 ta' Mejju 2010** – Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-minuti kif ippreżentati tal-laqgħa msemmija. Wara li saret diskussjoni, ittieħed vot.

Favur – Sindku, Viċi Sindku, Sur C Bonello, Sur A Debono, Sur M Lombardo, Sur P Dalli.
Kontra – Ħadd
Astenzjonijiet – Sur B Camilleri, Sinjura R Cutajar, Sur S Camilleri.

Is-Sindku talab sabiex jitniżżlu l-ismijiet.

Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill li nżammet fil-31 ta' Mejju 2010 kienu approvati b'sitt voti favur, l-ebda vot kontra u tliet astenzjonijiet.

F'dan l-istadju il-Viċi Sindku informa li kien ser iressaq mozzjoni għal bdil fl-ordni tax-xogħol skont S.O.12. Il-Viċi Sindku ressaq mozzjoni 2738/10/6 "Mozzjoni ta' bdil fl'ordni tax-xogħol sabiex immedjatament wara l-qari tal-Minuti isiru Item 3; Item 4; Item 12; Item 18". Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Ittieħed vot.

Favur – Sindku, Viċi Sindku, Sur P Dalli, Sur B Camilleri, Sinjura R Cutajar, Sur S Camilleri.
Kontra – Sur C Bonello, Sur A Debono, Sur M Lombardo.

Is-Sindku talab sabiex jitniżżlu l-ismijiet.

Il-mozzjoni 2738/10/6 kienet approvata b'sitt voti favur u tliet voti kontra.

## 3.0 Approvazzjoni Purchase Request Forms

3.01 Wara li saret diskussjoni fuq il-lista annessa Dok'A', is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2739/10/6 "Sabiex jiġu approvati l-Purchase Request Forms annessi". Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku. Ittieħed vot.

Favur – Sindku, Viċi Sindku, Sur S Camilleri, Sinjura R Cutajar, Sur B Camilleri, Sur P Dalli.
Kontra – Sur A Debono, Sur C Bonello, Sur M Lombardo.

Is-Sur C Bonello talab sabiex jitniżżlu l-ismijiet.

Il-mozzjoni ref: 2739/10/6 kienet approvata b'sitt voti favur u tliet voti kontra.

## 4.0 Approvazzjoni Ħlasijiet

4.01 Saret diskussjoni fuq diversi pagamenti inklużi il-lista annesssa Dok'B'. Is-Sindku talab lis-Sur P Dalli biex jagħmel dikjarazzjoni dwar dak li qal vis-a-vis il-pagament dovut lil Asfaltar Ltd. Is-Sur P Dalli ressaq id-dikjarazzjoni annessa Dok'C'. Wara s-Sur S Camilleri ressaq mozzjoni ref: 2740/10/6 "Biex dan il-Kunsill iżomm il-ħlasijiet ta Asphaltar Ltd, Nexox Lighting u Ronald Bezzina Street Sweeping Services sakemm dawn il-ħlasijiet jiġu ifferifikati fil-lista dadata June 10th 2010". Din kienet sekondata mis-Sinjura R Cutajar. Ittieħed vot.

Favur – Viċi Sindku, Sur S Camilleri, Sinjura R Cutajar, Sur B Camilleri, Sur P Dalli.
Kontra - Sindku
Astenzjonijiet – Sur A Debono, Sur C Bonello, Sur M Lombardo.

Is-Sur C Bonello talab sabiex jitniżżlu l-ismijiet.

Il-mozzjoni ref: 2740/10/6 kienet approvata b'ħames voti favur, vot wieħed kontra u tliet astenzjonijiet.

Is-Sindku għamel dikjarazzjoni li qed tkun annessa bħala Dok'D'.

Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li l-lista tal-ħlasijiet kienet ġiet iffirmata biss mis-Sindku. Saret diskussjoni.

4.02 Saret diskussjoni fuq diversi pagamenti inklużi fil-lista annessa Dok'E'. Wara s-Sur S Camilleri ressaq mozzjoni ref: 2741/10/6 "Biex dan il-Kunsill iżomm temporanjament sakemm jiġi

iċċertifikat il-ħlas ta' €2216.67 fil-lista ta ħlasijiet July 2010 ta' Ronald Bezzina Street Sweeping Services". Din kienet sekondata mis-Sinjura R Cutajar. Ittieħed vot.

Favur – Viċi Sindku, Sur S Camilleri, Sinjura R Cutajar, Sur B Camilleri, Sur P Dalli.
Kontra - Ħadd
Astenzjonijiet – Sindku, Sur A Debono, Sur C Bonello, Sur M Lombardo.

Is-Sindku talab sabiex jitniżżlu l-ismijiet.

Il-mozzjoni ref: 2741/10/6 kienet approvata b'ħames voti favur, l-ebda vot kontra u erba' astenzjonijiet.

**12.0 Applikazzjonijiet Permessi – DP32 u DP33**

12.01 Saret diskussjoni fuq il-feedback li kellu l-Kunsill mingħand TM u l-pulizija dwar dawn l-attivitajiet. Wara s-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2742/10/6 "Sabiex il-Kunsill joħroġ il-permessi għall-applikazzjonijiet għall-permessi DP32 u DP33. Il-Kunsill għandu jieħu ħsieb li jkun hemm żewġ gwardjani Lokali mit-3pm sas-7pm. Dan wara li jkollna struzzjonijiet mid-dipartiment". Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku. Il-mozzjoni ref: 2742/10/6 kienet approvata nem con.

**18.0 Festa Madonna tal-Karmnu**

18.01 Wara li saret diskussjoni fuq il-preparamenti tal-festa, is-Sindku ressaq mozzjoni 2743/10/6 "Sabiex matul il-ġimgħa tal-festa, l-latrina għandha tibqa' miftuħa sa nofs il-lejl bi spiża ta' €159.30c. L-arranġamenti l-oħra għandhom isiru bħas-sena l-oħra. Il-Kunsill għandu jgħamel reklam fil-Programm tal-Festa maħruġ mill-Kummissjoni Festa Esterna 16 ta' Lulju bi spiża ta' €85". Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku. Il-mozzjoni ref: 2743/10/6 kienet approvata nem con.

F'dan l-istadju il-Viċi Sindku informa li kien ser iressaq mozzjoni għall-aġġornament tal-laqgħa skont S.O.12. Saret konferma mal-ordnijiet permanenti. Wara l-Viċi Sindku ressaq mozzjoni ref: 2744/10/6 "Mozzjoni ta' Aġġornament. Biex dan il-Kunsill jaġġorna il-laqgħa għad-19 ta' Lulju 2010 fis-6:30pm". Din kienet sekondata mis-Sur B Camilleri. Is-Sindku ppreżenta dikjarazzjoni li qed tkun annessa bħala Dok'F'. Wara ttieħed vot.

Favur – Viċi Sindku, Sur S Camilleri, Sinjura R Cutajar, Sur B Camilleri, Sur P Dalli.
Kontra – Sindku, Sur A Debono, Sur C Bonello, Sur M Lombardo.

Is-Sindku talab sabiex jitniżżlu l-ismijiet.

Il-mozzjoni ref: 2744/10/6 kienet approvata b'ħames voti favur u erba' voti kontra.

Il-laqgħa waqfet fis-7.25pm.

Sindku

Segretarju